

Brussell, 19 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12321/16

PUBLIC 60
INF 164

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MARZU 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Marzu 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MARZU 2016

It-3452 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT) li saret fi Brussell fl-4 ta' Marzu 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/367 tal-4 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tan-Norveġja ĠU L 68, 15.3.2016, p. 16–16	11114/11
Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Regolamenti tan-NU Nri 10, 34, 41, 46, 48, 50, 51, 53, 55, 60, 73, 83, 94, 107, 110, 113, 118, 125, 128, 130 u 131 u l-proposta għal Regolament ġdid dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tat-trasport bit-triq ħiemda (QRTV)	6324/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/351 tal-4 ta' Marzu 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar it-talba tal-Ġordan għal eżenzjoni tad-WTO marbuta mal-perijodu tranżitorju għall-eliminazzjoni tal-programm ta' sussidju tal-esportazzjoni tiegħu ĠU L 65, 11.3.2016, p. 63–63	5620/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/859 tal-4 ta' Marzu 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 144, 1.6.2016, p. 1–2	5746/16

Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ĠU L 144, 1.6.2016, p. 3–10	5750/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 60, 5.3.2016, p. 76–77	5884/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 60, 5.3.2016, p. 1–2	5885/16
Proċedura bil-miktub konklużi fl-4 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/319 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 60, 5.3.2016, p. 78–87	6726/16
It-3453 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA U AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) li saret fi Brussell fis-7 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili	6489/16

Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili		6491/16	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir 2016 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi: Gwida politika dwar il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali		6643/16	
Adozzjoni ta' att leġislattiv wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-7 sal-10 ta' Marzu 2016)			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (Test b'relevanza għaż-ŻEE) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1–208	7/2016 (11779/15)	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-użu tal-prodotti mediċinali veterinarji			
Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata “Pjan ta' Azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika” (COM(2011)0748) tenfasizza r-rwol preventiv tar-Regolament fir-rigward tal-mard tal-annimali li jittieħed (“Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) u t-tnaqqis konsegwenti mistenni tal-użu tal-antibijotiċi fuq l-annimali. Minbarra r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri qed jiġu mħeġġa jimpenjaw ruħhom biex jiġbru dejta rilevanti, komparabbli u li tkun dettaljata biżżejjed, dwar l-użu reali ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u li jibagħtu din id-dejta lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat użu aktar prudenti ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u b'hekk jgħin biex jitnaqqas ir-riskju ta' reżistenza kontra l-antimikrobiċi.			
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-Unjoni			
Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippubblika rapport regolari dwar l-użu ta’ prodotti mediċinali antimikrobiċi fuq l-annimali fl-UE abbażi tad-dejta li tingħata mill-Istati Membri.			

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**dwar it-trattament xieraq tal-annimali**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li jittieħed minn annimali oħra jew mill-bniedem, u ma fihx dispożizzjonijiet li speċifikament jirregolaw it-trattament xieraq tal-annimali minkejja li hemm rabta bejn is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-istess annimali. L-Unjoni għandha acquis żviluppat sew fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, li jkopri speċijiet differenti (tiġieġ tas-simna, tiġieġ tal-bajd, ħnieżer, għoġġiela), u attivitajiet differenti (it-trobbija, it-trasport, il-qatla, ir-riċerka, eċċ.). Naturalment, din il-leġislazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali se tibqa' tapplika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tirrispetta b'mod sħiħ it-trattament xieraq tal-annimali, f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat u fil-limiti stabbiliti fih, dan jinkludi li tiżgura li din il-leġislazzjoni tiġi implimentata bis-sħiħ u tiġi żviluppata b'mod xieraq.

It-3454 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-8 ta' Marzu 2016**ATTI MHUX LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2016 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ĠU C 96, 11.3.2016, p. 1–3	5177/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Appoġġ mill-Kummissjoni għat-timijiet ta' azzjoni għaż-żgħażagħ: ir-riorjentament tal-finanzjament mill-FSE nkiseb, iżda ma kienx hemm fokus suffiċjenti fuq ir-riżultati"	6257/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Franċiża tapplika livelli mnaqqsa ta' tassazzjoni għall-petrol u ż-żejt tal-gass li jintużaw bħala karburanti tal-magni skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE	5929/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/64/UE skont il-programm REFIT u dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat	6420/16

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja

L-Awstrija, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja jfakkru li l-leġislazzjoni fiskali tal-Unjoni dwar il-prodotti tat-tabakk trid tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa.

Għal dan l-għan, l-Awstrija, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja jenfasizzaw il-ħtieġa li tinkiseb aktar konverġenza tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat lejn l-ogħla denominatur komuni.

Billi l-Kummissjoni ser ikollha twestaq studji, analiżi teknika, konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjoni tal-impatt rilevanti qabel ma tippreżenta proposta leġislattiva adatta lill-Kunsill, l-Awstrija, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja jqisu li hu neċessarju li tinbeda, mingħajr dewmien, ħidma dwar reviżjoni futura tar-rati minimi.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-intrapriżi)	6674/16
--	---------

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fl-UE	6413/16
--	---------

It-3455 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI), li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Marzu 2016**ATTI LEĠISLATTIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Pożizzjoni (UE) Nru 7/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ksieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 ĠU C 168, 11.5.2016, p. 1–138	14956/15 14956/15 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT
Pożizzjoni (UE) Nru 9/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ksieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing ĠU C 170, 11.5.2016, p. 1–39	14958/15 14958/15 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: AT Ma ħadux sehem: DK, IE, UK

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jifhmu l-punt (f) tal-Artikolu 20(2) ta' din id-Direttiva bħala li jippermetti lill-Istati Membri jirrifjutaw applikazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ biss u b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi taċ-ċittadin tal-pajjiż terz u tal-prinċipju ta' proporzjonalità u fuq il-baży ta' evidenza jew raġunijiet serji u oġġettivi. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw din id-dispożizzjoni f'konformità ma' din l-interpretazzjoni meta jittrasponu d-Direttiva, u ser tgħarraf lill-Parlament u lill-Kunsill b'dan, fil-qafas tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 39.

Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jqisu li l-inklużjoni ta' din id-dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandhiex tikkostitwixxi preċedent għal strumenti futuri dwar il-migrazzjoni legali.

Pożizzjoni (UE) Nru 8/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jirrevoka d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI ĠU C 169, 11.5.2016, p. 1–59	14957/15 14957/15 ADD 1	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Ma hađux sehem: DK, UK
---	----------------------------	------------------------	--

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew
dwar l-Artikolu 44**

Il-ħolqien ta' livell għoli u armonizzat ta' protezzjoni tad-data li jkopri l-attivitajiet tal-pulizija u tal-ġudikatura fl-Unjoni huwa kruċjali bħala mezz ta' rispett u salvagwardja tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni. B'kont meħud tar-responsabbiltajiet kondiviżi tal-Unjoni u l-Istati Membri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, huwa essenzjali li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u effettiva fost l-awtoritajiet superviżorji fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iqisu li, wara l-adozzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni ta' Data u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data proposti għall-ipproċessar tad-data fis-settur tal-pulizija u l-ġustizzja, inkluż il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġdid li dalwaqt ser jinħoloq, u fid-dawl tal-fatt li tħabbret ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-mekkaniżmi differenti ta' kooperazzjoni bejn il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali f'dan il-qasam, inkluż il-Bord ta' Kooperazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament, fil-futur għandhom jergġhu jiġu organizzati b'tali mod li jiżgura l-effettività u l-konsistenza u li tiġi evitata duplikazzjoni mhux meħtieġa, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**rigward l-Approċċ Komuni dwar l-Aġenziji Deċentralizzati tal-UE**

Il-Kummissjoni tfakkar li t-test maqbul mhux allinjat għalkollox mal-prinċipji tal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE. Għalhekk, il-ftehim li ntlaħaq bejn il-PE u l-Kunsill dwar il-governanza tal-Aġenzija huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe test legiſlattiv futur. Il-Kummissjoni tibqa' konvinta mill-benefiċċji li jitwaqqaf Bord Eżekuttiv bħala parti mill-istruttura ta' governanza tal-Europol u ta' aġenziji oħrajn. Il-Kummissjoni ser tirrieżamina s-sitwazzjoni rigward il-governanza tal-Europol fis-sentejn li ġejjin, b'mod partikolari sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunx ġustifikat li jsiru aktar proposti dwar dan il-punt.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**fuq il-Bord ta' Kooperazzjoni**

Il-Kummissjoni Ewropea tqis li, wara l-adozzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data għall-ipproċessar tad-data fis-settur tal-pulizija u tal-ġustizzja, u quddiem il-fatt li tħabbar ir-rieżami tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, sabiex jiġu żgurati l-effettività u l-konsistenza u jiġi evitat xogħol doppju, il-funzjonijiet eżerċitati mill-Bord ta' Kooperazzjoni stabbilit f'dan ir-Regolament għandhom jiġu eżerċitati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li għadu kif twaqqaf.

ATTI MHUX LEGIŒLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti	6475/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/414 tal-10 ta' Marzu 2016 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Awstrija biex tiffirma u tirtatifika, u lil Malta biex taderixxi ma', il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali, fl-interess tal-Unjoni Ewropea ĠU L 75, 22.3.2016, p. 1–2	13777/15
Konvenzjoni dwar in-notifika barra mill-pajjiż ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali ĠU L 75, 22.3.2016, p. 3–9	13777/15 ADD 1

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit

Ir-Renju Unit jappoġġa bis-sħiġ l-adeżjoni ta' u r-ratifika mill-Awstrija u Malta għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji (il-Konvenzjoni).

Ir-Renju Unit ikompli jikkontesta l-eżistenza ta' kompetenza esterna esklużiva tal-UE b'rabta ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta. Ma ntweriex li l-applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli interni paralleli tal-UE tista' tiddgħajjef minħabba t-tħaddim tal-Konvenzjoni bejn Stat Membru tal-UE u Stat terz parti mill-Konvenzjoni.

Fl-opinjoni tar-Renju Unit, id-Deċiżjoni tal-Kunsill mhix meħtieġa, u l-Awstrija u Malta huma intitolati li jaderixxu għall-Konvenzjoni u jirratifikawha mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni mill-Unjoni Ewropea.

Il-kwistjoni ta' kompetenza esterna esklużiva għandha impatt fuq il-firxa shiġa tal-ħidma tal-UE, u għandha implikazzjonijiet profondi fuq kif l-UE u l-Istati Membri tagħha jaġixxu internazzjonalment. Ir-Renju Unit jilqa' l-fatt li saru diskussjonijiet dettaljati fil-Grupp ta' Ħidma dwar dan l-aspett tal-proposta, u jagħti importanza kbira lil diskussjonijiet bħal dawn, mhux biss fuq fajls individwali iżda b'mod iktar orizzontali, biex jiżgura analiżi konsistenti u effettiva tat-test u l-applikazzjoni tiegħu.

Minkejja l-punti msemmija hawn fuq, ir-Renju Unit jinnota li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 21 tat-Trattati, ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill li huwa jixtieq jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u jqis l-inklużjoni tal-kelma "għalhekk" fit-test tal-Premessa 6 bħala mhux preċiża. Il-fatt li r-Renju Unit qed jieħu sehem fir-Regolament 1393/2007 jew anke fir-Regolament 1215/2012, fil-fehma tiegħu, ma jrendix inoperattivi d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 21.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tappoġġa l-isforzi tar-Repubblika tal-Awstrija biex tirratifika, u ta' Malta biex taderixxi għall-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tal-1965, u b'hekk isiru Stati Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni.

Madankollu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tibqa' tiddubita jekk id-Deċiżjoni li ppreżenta llum il-Kunsill għall-adozzjoni taqax fil-kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea. Mhuwiex ċar għaliex l-applikazzjoni futura tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika għall-Awstrija u Malta tista' taffettwa regoli komuni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fi kwistjonijiet ċivili jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom (Artikolu 3(2) TFUE). Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tapplika fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Huwa ċar li bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 (ir-'Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti') jieħu preċedenza fuq dik il-Konvenzjoni. Din id-Deċiżjoni għalhekk la għandha sservi ta' mudell u lanqas ma għandha tippreġudika miżuri oħra fejn il-kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea tista' tintuża biex l-Unjoni Ewropea ssolvi każijiet simili oħra.

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/437 tal-10 ta' Marzu 2016 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perijodu qasir ĠU L 78, 24.3.2016, p. 2–3	12096/15
Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Perù dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir ĠU L 78, 24.3.2016, p. 4–10	12097/15
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/408 tal-10 ta' Marzu 2016 dwar is-sospensjoni temporanja tar-rilokazzjoni ta' 30 % tal-applikanti allokati lill-Awstrija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja ĠU L 74, 19.3.2016, p. 36–37	6715/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/359 tal-10 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 67, 12.3.2016, p. 37–52	6069/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/353 tal-10 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna ĠU L 67, 12.3.2016, p. 1–17	6070/16
Proċeduri bil-miktub konklużi fil-11 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/360 tal-11 ta' Marzu 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 67, 12.3.2016, p. 53–56	6890/16

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/354 tal-11 ta' Marzu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 67, 12.3.2016, p. 18–21	6892/16
It-3456 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret Brussell fl-14 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, għat-tiġdid tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni ta' Comoros	5903/16
Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni Il-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni ta' Comoros jiskadi fl-aħħar ta' Diċembru 2016. Sabiex tkun żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet Comorjani wara dik id-data, il-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li l-Kummissjoni għandha tiġi awtorizzata biex tiftaħ negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għat-tiġdid tal-Protokoll attwali. Minkejja li l-Kunsill u l-Kummissjoni huma mħassba li l-kalendarju tan-negozjati għall-Protokoll il-ġdid jikkoinċidi ma' proċess li għaddej bħalissa li jista' jwassal għal identifikazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Unjoni ta' Comoros bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU, huma jqisu li, minħabba li qed toqrob l-iskadenza tal-validità tal-Protokoll attwali, huwa xieraq li f'dan l-istadju jinfetħu negozjati għall-Protokoll il-ġdid. Madankollu, il-Kunsill jinnota li jekk il-Kummissjoni tadotta proposta sabiex l-Unjoni ta' Comoros tiġi elenkata bħala pajjiż terz li ma jikkooperax skont l-Artikolu 33 tar-Regolament IUU, il-Kummissjoni ser tissospendi f'dak il-mument aktar negozjati u żżomm lura milli tressaq proposti dwar l-iffirmar/l-applikazzjoni proviżorja u/jew il-konklużjoni ta' Protokoll ġdid, sakemm ikunu nbidlu ċ-ċirkustanzi legali.	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni ma tqisx li hu meħtieġ li Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati tindika bażi legali sostantiva.	

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Kummissjoni tirrikonoxxi għalkollox l-importanza tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ħtieġa konsegwenti li tiġi żgurata implimentazzjoni kif suppost tal-kunċett tal-eċċessi, kif definit fl-Artikolu 62(2) tal-UNCLOS, b'mod partikolari meta l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-protokollu relatati jirregolaw l-aċċess tal-flotta esterna tal-UE għal riżorsi distribwiti fl-ilmijiet tal-pajjiż sieħeb.

Madankollu, rigward l-Artikolu 64 tal-UNCLOS u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' eċċessi japplika inqas għall-attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw speċijiet li jpassu ħafna, fejn l-oġettivi ta' ġestjoni adegwata u l-miżuri ta' ġestjoni xierqa – ir-regoli dwar aċċess ta' prijorità, il-qabda, il-kapaċità jew il-limiti tal-isforz tas-sajd, u kriterji għall-kondiviżjoni fejn rilevanti – għandhom jiġu stabbiliti primarjament fil-livelli reġjonali jew sottoreġjonali mill-Partijiet Kontraenti għall-Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tas-Sajd Reġjonali, b'kont debitu meħud tal-pariri xjentifiċi rilevanti.

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/374 tal-14 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-livelli ta' referenza għall-ġestjoni tal-foresti, il-valuri minimi għad-definizzjoni ta' foresta u s-sena ta' bażi tal-emissjonijiet għar-Repubblika tal-Kroazja
ĠU L 70, 16.3.2016, p. 20–21

5871/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/381 tal-14 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat tal-Kontroll mill-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port
ĠU L 72, 17.3.2016, p. 53–56

6183/16

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, il-Kroazja, l-Estonja, Franza, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja

Il-metodu biex titkejjel il-prestazzjoni tal-istat tal-bandiera ġie introdott għall-ewwel darba mis-sistema preċedenti tal-Kontroll mill-Istat tal-Port, taħt il-MtQ ta' Pariġi. Kull sena, tiġi ppubblikata l-lista "sewda/griża/bajda" (BGW) li tippreżenta l-ispettru sħiħ, mill-bnadar ta' kwalità għal bnadar bi prestazzjoni fqira li huma meqjusa ta' riskju għoli jew għoli ħafna.

Il-lista BGW tiġi kkompilata bl-użu ta' metodu matematiku speċifiku biex ir-reġistri tal-bastimenti jiġu kklassifikati fi tliet gruppi – bojod, griżi u suwed – fejn il-bnadar elenkati bħala suwed ikollhom prestazzjoni agħar mill-medja u l-bnadar elenkati bħala bojod ikollhom prestazzjoni aghjar. Sa mill-bidu nett tal-lista BGW, il-metodu ta' kalkolu sottostanti ħoloq effett inugwali fuq dawk il-pajjiżi li għandhom flotta relattivament żgħira billi poġġihom f'pożizzjoni ta' żvantaġġ meta mqabbla ma' dawk li għandhom flotta akbar. Għal kważi 10 snin, il-kwistjoni kienet taħt skrutinju f'diversi fora tal-UE.

Il-ħtieġa urġenti ta' metodoloġija BGW ġusta saret saħansitra iktar kritika wara li daħlet fis-seħħ id-Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port. Sabiex jikkwalifika għal kwalunkwe trattament ippreferut skont id-direttiva riformulata tal-UE, Stat tal-bandiera jeħtieġ li jkun fuq il-lista l-bajda. Fid-dawl ta' dan l-inċentiv ġdid, il-metodu attwali ta' kalkolu iħalli lill-Istati Membri bi flotot iżgħar f'sitwazzjoni fejn li tkun fuq il-lista l-griża ta' prestazzjoni hija kwistjoni inċidentali aktar milli xejra sistematika. Bħalissa hemm ħames Stati Membri tal-UE li diġà huma fuq il-lista l-griża.

Minkejja li ġiet inkluża l-premessa 15 fid-Direttiva l-ġdida dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port 2009/16/KE: "*(15) L-Istati Membri għandhom jidħlu għal impenn li jirrevedu l-metodu għall-istabbiliment tal-lista bajda, griża, u sewda tal-Istati tal-bandiera tal-MOU ta' Pariġi sabiex jiżguraw li din tkun ġusta partikolarment fit-trattament tal-Istati tal-bandiera bi flotot iżgħar.*", ma sar l-ebda progress tanġibbli.

L-evalwazzjoni ulterjuri ta' azzjoni konkreta dwar din il-kwistjoni hija inaċċettabbli u tipperikola l-attrazzjoni tar-reġistri tal-bastimenti tal-Istati Membri involuti u b'hekk tista' tirriżulta f'bidla tal-istat tal-bandiera u x-xejra ta' rilokazzjoni.

Il-formulazzjoni li tantiċipa biss xi tip ta' azzjoni urġenti, eż. "malajr kemm jista' jkun", mhijiex b'saħħitha biżżejjed biex tiskatta xi azzjoni immedjata u meħtieġa biex tinstab soluzzjoni, bħalma huma l-premessi li jispjegaw il-kwistjoni. L-istorja wriet li referenzi ġenerali fi premessa ma jinkoraġġixxux azzjoni persistenti biex tissolva l-kwistjoni.

Għalkemm fil-laqgħa ta' COREPER I tad-19 ta' Frar 2016 il-Presidenza kkonfermat li l-formulazzjoni "malajr kemm jista' jkun" tirreferi għad-deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-qafas pluriennali, li tkopri l-perijodu 2016–2019, huwa ferm importanti li fit-test jiġi inkluż limitu ta' żmien konkret – Mejju 2018 – li fih l-Istati Membri, li huma marbuta bil-MtQ ta' Pariġi, waqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni, għandhom jagħmlu kull sforz biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' metodu alternattiv biex titfassal il-lista bajda, griża u sewda tal-Istati tal-bandiera.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni F'dak li għandu x'jaqsam mal-Anness II, il-Kummissjoni tikkonferma li hija se taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati, u f'konformità mal-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-għanijiet stabbiliti fihom. L-istituzzjonijiet għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'attenzjoni xierqa għas-setgħat tal-istituzzjonijiet l-oħra.	
Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "L-appoġġ tal-UE lil pajjiżi li jipproduċu l-injam taħt il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT"	6107/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?"	6258/16
It-3457 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN) li saret fi Brussell fl-14 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana	6670/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-appoġġ taħt il-faċilità għall-enerġija AKP-UE għal enerġija rinnovabbli fl-Afrika tal-Lvant"	6455/16
Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tal-Burundi skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra	6501/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/368 tal-14 ta' Marzu 2016 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK dwar miżuri restrittivi kontra membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u individwi, gruppi, impenji u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom ĠU L 68, 15.3.2016, p. 17–19	5456/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/363 tal-14 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida ĠU L 68, 15.3.2016, p. 1–3	5456/16

It-3458 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fil-15 ta' Marzu 2016**ATTI LEĠISLATIVI**

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1–28	68/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: PL

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Fil-prinċipju, il-Polonja tappoġġa attivitajiet li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment għall-ħaddiema fl-Unjoni, il-funzjonament imtejjeb u l-integrazzjoni tas-swieq tax-xogħol fl-Unjoni u, b'mod partikolari, il-mobilità ġeografika volontarja fuq bażi ġusta.

Madankollu, hija ssostni l-fehma tagħha li l-Artikolu 30(1)(a) tal-*proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013* indirettament jikser il-liġi li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30(1)(a) jeħtieġu li Stat Membru jiġbor u janalizza informazzjoni diżaggregata skont is-sess dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħaddiema żejda fis-swieq tax-xogħol. Il-Polonja enfasizzat ripetutament li f'offerta ta' xogħol użati b'rabta mal-metodoloġija applikata għall-identifikazzjoni ta' xogħlijiet jew gruppi ta' xogħlijiet li għandhom ħaddiema żejda jew nuqqas ta' ħaddiema fis-suq tax-xogħol, id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess għandha tkun ipprojbata f'konformità kemm mad-dispożizzjonijiet nazzjonali kif ukoll mad-dispożizzjonijiet imniżżla fir-Regolament rilevanti (jiġifieri l-premessa 37).

ATTI MHUX LEĠISLATIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni ĠU L 70, 16.3.2016, p. 1–6	7009/16

Dikjarazzjoni mill-Istati Membri**dwar l-Artikolu 2**

L-Istati Membri jieħdu l-impenn li jippermettu lill-Kunsill jiddeċiedi dwar l-attivazzjoni tal-appoġġ ta' emerġenza fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposta tagħha għal dan l-għan, kull meta s-sitwazzjoni titlob dan.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-Ritorn mill-Belġju	6691/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Iżvezja fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni	6686/16
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi mill-Belġju	6688/16
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Georgia dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata	14263/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill "Ninvestu f'impjiegi u tkabbir - nimmassimizzaw il-kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej"	6334/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika	6203/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/436 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fis-Sottokomitat Doganali stabbilit bil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-Protokoll II għal dak il-Ftehim, li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ĠU L 76, 23.3.2016, p. 35–40	6396/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/807 tal-15 ta’ Marzu 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) matul l-40 sessjoni tal-Kumitat ta’ Faċilitazzjoni, id-69 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u s-96 sessjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà Marittima dwar l-adozzjoni tal-emendi għall-Konvenzjoni ta’ Faċilitazzjoni, l-Anness IV tal-MARPOL, ir-Regolamenti SOLAS II-2/13 u II-2/18, il-Kodiċi tas-Sistemi ta’ Sikurezza kontra n-Nirien u l-Kodiċi tal-Programm ta’ Kontroll Imsaħħaħ tal-2011 ĠU L 132, 21.5.2016, p. 99–102	6722/16		
Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14	15506/15		
Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni			
Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni jqisu li dan il-Ftehim jirrifletti l-bilanċ bejn u l-kompetenzi rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif stipulati fit-Trattati.			
Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ¹			
¹ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.			
Proċedura bil-miktub konklużi fis-16 ta' Marzu 2016			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 ĠU C 105, 19.3.2016, p. 6–6	7179/16	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

Proċedura bil-miktub konklużi fit-18 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/411 tat-18 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu ĠU L 74, 19.3.2016, p. 40–40	6040/16 7109/16
Proċedura bil-miktub konklużi fit-22 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/455 tat-22 ta' Marzu 2016 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar l-elementi tal-abbozz ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ĠU L 79, 30.3.2016, p. 32–33	6862/16

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex f'isem l-Unjoni tinneogzja l-abbozz ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

Madankollu, il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li – fin-nuqqas ta' kwalunkwe abbozz ta' test f'dan l-istadju – l-Artikolu 218(3) u (4) jipprovdi bażi legali suffiċjenti għad-Deċiżjoni, peress li mhix meħtieġa u lanqas huwa possibbli li tiġi ddeterminata bażi legali sostantiva abbażi ta' fatturi oġġettivi filwaqt li jitqies l-għan u l-kontenut tal-ftehim.

Barra minn hekk, peress li n-negozjati fil-Kumitat Preparatorju tan-NU jikkonċernaw prinċipalment “il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli” tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, dawn aktarx ikopru kwistjonijiet li jmorru lil hinn minn kull qasam uniku ta' politika, mingħajr ma jkun possibbli li jiġi ddeterminat f'dan l-istadju liema politika tkun predominanti fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti. F'kull każ, il-Kummissjoni ma tistax taqbel dwar il-limitazzjoni tal-bażi legali għal qasam uniku ta' politika (ambjent) filwaqt li twarrab oqsma oħra tal-politika possibbli, b'mod partikolari l-politika tas-sajd.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, kif jidher fil-Kawża C-459/03 (punt 94), l-eżistenza tal-kompetenza esterna tal-Unjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, fil-prinċipju mhix kontinġenti fuq l-adozzjoni ta' miżuri ta' liġi sekondarja li tkopri l-qasam inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma taqbilx li l-Unjoni tista' tipparteċipa fin-negozjati biss “fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Unjoni u li għalihom l-Unjoni adottat regoli”.

Il-Kummissjoni tirrizerwa d-dritt tagħha li, jekk ikun hemm bżonn, tuża l-mezzi legali kollha disponibbli għaliha biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

Proċeduri bil-miktub konklużi fit-23 ta' Marzu 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/446 tat-23 ta' Marzu 2016 li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali) ĠU L 78, 24.3.2016, p. 74–75	6375/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/602 tat-23 ta' Marzu 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 1–2	5974/16
Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 3–7	5975/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/612 tat-23 ta' Marzu 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-missjoni PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ĠU L 105, 21.4.2016, p. 1–2	5961/16
Ftehim ta' Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ĠU L 105, 21.4.2016, p. 3–7	5962/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/551 tat-23 ta' Marzu 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt tar-Riammissjoni dwar Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt tar-Riammissjoni dwar l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 6 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni mill-1 ta' Ġunju 2016 ĠU L 95, 9.4.2016, p. 9–11	6763/16

Proċedura bil-miktub konklużi fit-30 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/458 tat-30 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd ĠU L 80, 31.3.2016, p. 1–13	7273/16
Proċedura bil-miktub konklużi fil-31 ta' Marzu 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/478 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 85, 1.4.2016, p. 48–52	7247/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/466 tas-31 ta' Marzu 2016 li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 85, 1.4.2016, p. 3–5	7248/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/476 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 85, 1.4.2016, p. 38–46	6940/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/475 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 85, 1.4.2016, p. 34–37	5993/16
Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/465 tal-31 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 85, 1.4.2016, p. 1–2	5996/16

Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/477 tal-31 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bożnija-Herzegovina ĠU L 85, 1.4.2016, p. 47–47	6945/16
--	---------